**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 7 ta' Mejju, 2019

Rikors Numru: 93/19 AL

**AB**

**U**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tad-divorzju konġunt li gie kkonfermat bil-gurament miz-zewg rikorrenti u li permezz tieghu r-rikorrenti ippremettew:

1. Illi l-partijiet iżżewwġu fis-sittax (16) ta' Lulju tas-sena elfejn u ħdax (2011) fil-Kappella tal-Madonna ta' Loreto, l-Gudja, kopja taċ-ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat bħala Dok A.

2. Illi minn dan iż-żwieġ ma kien hemm l-ebda tfal.

3. Illi l-partijiet sseparaw legalment permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni rredatt fl-atti tan-Nutar Elizabeth Sciriha fil-wieħed u tletin (31) ta’ Lulju tas-sena elfejn u erbatax (2014) liema fotokopja hija hawn annessa u mmarkata bħala Dok B.

4. Illi skont il-klawsola numru tlieta (3) tal-imsemmi kuntratt ta’ separazzjoni r-rikorrenti rrinunzjawa għad-dritt li jitolbu l-manteniment mingħand xulxin u għalhekk ma hemm l-ebda obbligu ta’ manteniment verso xulxin.

5. Illi l-partijiet preżentament jgħixu l-bogħod minn xulxin u ma jixtiequx jirrikonċiljaw ma’ xulxin u għaldaqstant ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejniethom.

6. Illi r-rikorrenti jafu b’dawn il-fatti personalment u dan skont l-affidavit tagħhom hawn annessi u mmarkati bħala Dok C u D;

7. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw l-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għal-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66 B tal-Kodiċi Ċivili, Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Talbu lil-Qorti sabiex:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet.

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet biex dan jieħu l-passi kollha neċessarji biex dan id-digriet ta’ divorzju jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tal-25 ta’ Frar, 2019;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti rnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jigi maħlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mill-31 ta' Lulju, 2014;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi reġistrat firReġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.